**ATTWALITÀ** **minn Simon Mercieca**

# SOS BORMLA

RITRATTI MINN MICHAEL ELLUL

JEKK hemm xi aspett fl-arkitettura Maltija li hu ta' prestiġju internazzjonali, li għalih kotba speċjalizzati dwar dan li qasam jagħmlu referenza għaliha bi prominenza, hu bla dubju l-wirt li ħallewlna l-Kavallieri. Il-Belt Valletta, Senglea, u Bormla, kif ukoll parti sostanzjali tal-Birgu u ta' l-Imdina huma frott ta' urbanizzazzjoni proġettata skond kriterji ta' l-epoka konċernata.

Interventi f'dawn l-ibliet iridu jkunu b'mod meqjus. Il-lum fi ħsiebni nikteb dwar Bormla għaliex inħoss li ċerti diskorsi ta' żvilupp li fil-fatt ġa bdew jiġu attwati f'din il-belt, ma jawgurawx tajjeb kemm għall-istorja ta' pajjiżna kif ukoll għall-wirt arkitettoniku tagħna.

### L-IŻVILUPP TA' BORMLA

Bormla matul dawn l-aħħar snin rat is-soċjetà kosmopolita tagħha titnaqqar u tinbidel f'waħda hekk imsejħa ta' nies baxxi, u bla kultura, kif ukoll ristretta. Żgur li l-gwerra kienet ta' traġedja għal din il-belt, iżda Bormla bil-gwerra u mingħajra, kellha d-destin tagħha diġà miktub minn qabel.

Bormla twieldet u kibret biex isservi lin-nies tal-baħar. Post li qiegħed fuq għolja, kemmxejn wieqfa ra fi żmien l-Ordni żvilupp li ma waqafx ma' l-Ingliżi, iżda pjuttuost kiber, minħabba li l-politika marittima u kummerċjali ta' dawn ta' l-aħħar.

L-għajta għall-baħar mal-flotta Brittanika kif ukoll il-politika ta' kummerċ ħieles adottata mill-Ingliżi, ma setgħetx ma twassalx għal żvilupp ikbar ta' Bormla, belt fi tiżżerżaq għal ġol-port li kien l-aktar importanti ta' dawn il-gżejjer.

It-Tieni Gwerra Dinjija ġabet fi tmiemha, mhux biss lit-telliefa, iżda pjuttost aktar li wħud mill-vinċituri prinċipali, fuq quddiemnett l-Ingliżi. L-Imperu Ingliż beda immedjatament jiżżarma, u miegħu kellha żżarma anki Bormla.

L-1979 intlaħaq il-quċċata ta' din il-politika. L-epitaff ta' Bormla bħala belt marittima kien inkiteb. Il-flotta telqet minn Malta u kull skop li kellha Bormla biex isservi lill-flotta u l-kummerċ marittimu, spiċċa fix-xejn. Il-kummerċjanti u nies oħra ta' kultura li kellhom id-djar u l-uffiċċju tagħhom hemm, kollha bdew isibu post alternattiv, mal-bidu ta' l-industrijalizzazzjoni tal-gżira.

Ħafna marru joqogħdu f'subborgi ġodda, l-ewwel f'Raħal Ġdid u wara tferrxu mal-gżira, waqt li fetħu l-uffiċini u l-imħażen tagħhom f'inħawi fejn jagħmilha aktar faċli għall-mezzi moderni tat-trasport tal-merkanzija. Probabbli l-lum, xi wħud mill-kummerċjalisti l-ġodda — qed nirreferi għal dawk li jaqilgħu x'jieklu mill-baħar – qed jaħsbu biex imorru jiftħu l-uffiċċji tagħhom f'Kalafrana, il-Bormla ġdida ta' Malta.





• (Xellug) dettal ta' entratura ta' Palazz. (Fuq) Palazz li ma qerditx il-Gwerra u dalwaqt teqred il-gaffa

### IT-TIBDIL TA' BORMLA

Għalhekk l-iskop ta' Bormla bħala belt kummerċjali spiċċa. Għax spiċċa dan l-iskop tagħha, Bormla waqgħet f'deklin kbir. Din m'hix xi karatteristika biss li effettwat lil Malta. Venezja, belt oħra li kienet tgħix mill-kummerċ marittimu, majnat, hekk kif dak l-iskop li għajjixha għal tant snin spiċċa.

Iżda belt biex tinżamm ħajja trid ikollha għan għalxiex tgħix. Dan il-Gvern qed jara l-għajxin ta' Bormla fit-twaqqigħ ta' parti miċ-ċentru storiku ta' din il-belt, f'bini ta' appartamenti ġodda, kif ukoll fi twessigħ tat-toroq.

Din il-politika kienet espressa ftit wara l-elezzjoni minn Tusè Costa f'serje ta' artikli li hu kiteb magħmula minn riflessjonijiet politiċi post elettorali f'wieħed ta' l-Isptamperija Indipendenza.

Costa kien għamel l-osservazzjoni li f'dawk it-toroq li huma b'pjuttost wisgħin hemm prevalenza ta' ċittadini Nazzjonalisti, waqt li fit-tarf tat-triq li tkun idjaq hemm prevalenza ta' ċittadini Laburisti.

Fi kliem ieħor Costa awgura lil Gvern hekk imsejjaħ Nazzjonalista biex jekk irid il-voti jidħol f'Bormla, iwessa' t-toroq dojoq u b'hekk għandu garanzija ta' żieda fil-voti. Jekk il-Gvern isegwi din il-proposta, kif fil-fatt milli jidher se jagħmel, tkun ta' traġedja għal Malta.

Din il-politika diġà ġiet segwità fil-passat bit-twaqqigħ ta' parti mill-Mandraġġ tal-Belt, twaqqigħ, li nies ta' kultura bħal Herbert Ganado, konxji mill-qagħda ħażina li kienu jgħixu fiha dawn in-nies, riedu jneħħu l-kappell lil Mintoff tal-proġett mitiku li għamel.

Meta wieħed iħares lejn dan il-fatt isib li dan it-twaqqigħ sewa t-telf ta' palazzi li kien hemm fiż-żona, inkluż id-dar tal-pittur Mattia Preti, kif ukoll il-qerda ta' l-urbanistika popolari.

Diġà fi snin ħamsin fl-Ewropa kienu bdew jitkellmu f'termini ta' riabilitazzjoni iżda l-vuċijiet ta' dawn l-istudjużi kienu wisq ermetiċi biex jaslu sa għand il-politiċi. Ir-riżultat aħħari kien li qtilna mandraġġ biex ikkreana ieħor.

Meta wieħed iħares lejn belt wieħed irid iħares lejn ir-*raison d'etre* tal-belt. Kif dak ir-*raison d'etre* jispiċċa, dik il-belt issir dak li l-Ingliżi isejħu *derelict*, jiġifieri post mitluq — post bħal Bormla li kif rajna żviluppa fuq għolja wieqfa, ma jinħtieġx biss twaqqigħ, anzi, f'ħafna mill-każi dan għandu jkun l-aħħar ħaġa, ristretta biss għal parti sostanzjali tal-bini inuman mibni fil-ġirja tar-rikostruzzjoni. Bormla teħtieġ rianimazzjoni, u l-Kottonera kollha għandha l-potenzjal biex tkun animata mill-ġdid.

### ANALOĠIJA MA' L-IMDINA

Eżempju tal-qagħda ta' Bormla jista' jinsab fl-istorja ta' l-Imdina. L-Imdina l-lum hi meqjusa bħala ġawhra nazzjonali. Iżda mhux minn dejjem kienet meqjusa hekk. Mal-miġja tal-Kavallieri l-iskop ta' l-Imdina kien majna waħda sew. Il-Kavallieri f'ċertu punti kienu waslu biex jiddiskutu li jħottu din il-belt, li kienet meqjusa bħala ta' periklu f'każ ta' assedju.

Il-miġja ta' l-Ingliżi kompliet tagħti daqqa 'l isfel lil din il-belt. Il-ħidma kummerċjali li kkreaw madwar il-port ma setgħetx ma tgħinx għas-soprapopolazzjoni tan-nofsinhar tal-Gżira, u għall-abbandun pożittiv tat-Tramuntana ta' Malta.

Fis-snin għoxrin, tletin ta' dan is-seklu l-Imdina kienet deskritta fil-*Blue Books* bħala post li kien hemm, kien dejjem kien qed jiżdied fin-numru ta' dawk li huma vojta.

Relattivament għall-popolazzjoni tagħha, l-Imdina kellha waħda mill-aktar ammont għoli ta' kriminalità u ta' mard reġistrat f'dawn il-gżejjer. L-Imdina spiċċat biex jiskopriha l-Gvernatur Sir

• għal paġna 21



